# Pakkett ta' Riżorsi

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2025

## Werrej


- Introduzzjoni – Kif Tagħżel Ktieb 01
- Gwida għall-Utenti 03
- Attivitajiet Qarrejja Żgħar (L-1 Sena Sas-6 Sena) 04
- Attivitajiet Qarrejja Ikbar (Is-7 Sena u t-8 Sena) 12
- Attivitajiet Qarrejja Indipendenti (Id-9 Sena sal-11-Il Sena) 20

# Introduzzjoni

## Lestu ruħkom għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb!

**Il-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB** daqt magħna u se jkun l-aqwa avveniment tas-sena dwar il-qari!

F'dan il-pakkett se ssibu bosta attivitajiet u logħob. Inħoloq bl-għan li jqanqal l-immaġinazzjoni tagħkom u jħeġġiġkom taqbżu fid-dinja tal-qari indipendenti.

Se tiskopru kotba favoriti ġodda, tiltaqgħu ma' karattri indimentikabbli u timirħu f'dinjiet ġodda.

**Mela ejja nibdew din l-avventura tal-qari..**

## Kif Tagħżel Ktieb (U għalfejn hu importanti).

1

### L-Ewwel Pass: ara x'jinteressak

Tħobb l-annimali? Sib ġrajja dwar kelb erojku jew qattus brikkun. Jaffaxxinak l-ispazju, is-supereroj jew trid taħmi l-pastini? Mhix problema – hemm ktieb għal kulħadd.

2

### It-Tieni Pass: it-test tal-Ħamest Iswaba'

Iftaħ ktieb u sib paġna li tkun. Aqraha. Jekk tara li hemm iktar minn ħames kelmiet diffiċli, jista' jkun li l-ktieb hu ftit diffiċli għalissa. Ma jimpurtax – ipprova ieħor! Il-qari qiegħed hemm biex tieħu gost mhux biex tiffrustra ruħek.

3

**It-Tielet Pass: kun af meta għandek tbiddel**

Jekk tara li ktieb ma jgħoddx għalik, ieqaf u agħżel ieħor. Il-qarrejja kollha huma differenti – hemm min iħobb l-istejjer tal-biża' jew l-avventuri distopiċi mentri oħrajn jippreferu l-maġija tal-ħrejjef. Imbagħad hemm ukoll dawk li pereżempju jridu jafu kollox dwar id-dinosawri.

# Għalfejn l-għażla hija importanti

Meta tagħżel inti, il-qari jsir xi ħaġa li inti tieħu gost tagħmel - mhux xi ħaġa li għandek tagħmel bilfors. B'dan il-mod insiru qarrejja għal għomorna, kunfidenti u kurjużi. Il-kotba jkattru l-immaġinazzjoni, jgħallmuna dwar affarijiet ġodda u jgħinuna nifhmu l-emozzjonijiet tagħna u ta' ħaddieħor. Qishom imfietaħ għal numru bla qies ta' dinjiet differenti – u l-mazz jinsab f'idejk!

Għalhekk, żur il-librerija tal-iskola, il-librerija reġjonali u l-**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB**. Qalleb fuq l-istands tal-kotba u sib ktieb li meta taqbdu f'idejk jimliek bil-ferħ.

**PARIR!** U tinsiex - għandek €20 VAWĊER GĦALL-KOTBA biex tonfqu fuq kotba tal-ġenn!

**Il-qari t-tajjeb!**

# Gwida Għall-Utenti

F'dan il-pakkett hawn attivitajiet għall-**QARREJJA ŻGĦAR** (L-1 SENA SAS-6 SENA), **QARREJJA IKBAR** (IS-7 SENA U T-8 SENA) u **QARREJJA INDIPENDENTI** (ID-9 SENA SAL-11-IL SENA). Issibu tliet attivitajiet għal kull livell. Kull attività tinkludi:

- Inlestu ruħna! – eżerċizzju introduttorju sabiex l-istudenti jkunu ħerqana għaż-żjara **tal-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB**.
- Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb! – attività divertenti u interattiva għal waqt iż-żjara.
- Wara l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb – attività li ssegwi ż-żjara biex iżżomm l-entużjażmu ħaj.

Tista' tagħżel li tagħmel eżerċizzju wieħed, tnejn jew it-tlieta li huma – f'idejkom!

**X'se nitgħallmu**

Daqqa t'għajn lejn l-għanijiet, kif ukoll il-ħiliet, li se jiżviluppaw l-istudenti.

**X'se nagħmlu**

Deskrizzjoni tal-attività - x'se jagħmlu l-istudenti u l-edukaturi.

**X'għandna bżonn**

Lista tal-materjal meħtieġ.

**Bdejna!**

Struzzjonijiet pass pass, spunti, u stima tal-ħin biex jitlesta l-eżerċizzju.

**Karti tal-Eżerċizzji**

Riżorsi għal mal-attività - ipprintjaw kemm għandkom bżonn!

**TLAQNA!**

# Nissortjaw il-kotba

**Ejja nilagħbu logħba bil-QOXRA TAL-KOTBA! Se nħarsu lejn numru ta' kotba u nqassmuhom fi gruppi.**

## X'se nitgħallmu:

**Din l-attività se tgħinna biex:**

- Niżviluppaw il-**litteriżmu viżiv** billi nħarsu lejn u ninterpretaw il-qoxra tal-kotba.
- Nipprattikaw **it-taħdit** permezz tal-osservazzjoni, id-diskussjoni u l-ispjegazzjoni.
- Noħolqu **għar ien ta' ġeneru u temi** (pereżempju annimali, spazju).
- Ikollna **rabtiet personali** mal-kotba u nqanqlu l-entużjażmu għall-qari.
- Insaħħu **l-ħidma i gruppi** u l-**ħiliet it-teħid tad-deċiżjonijiet**.

## TINSIEX!

Se tingħata VAWĊER GĦALL-KOTBA biex tużah waqt IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB!

## X'se nagħmlu:

- Inħarsu **BIR-REQQA** lejn il-qoxra tal-kotba.
- Nitkellmu dwar dak li **NARAW u NAĦSBU**.
- Naħsbu dwar il-kotba li **JOGĦĠBUNA.**
- **NIEĦDU GOST** mal-kotba!

## X'għandna bżonn:

- Bejn 8 U 12-**IL QOXRA TA' KTIEB,** ipprintjati jew fuq skrin. Iktar ma jkunu kkuluriti u varjati, iktar aħjar. Sib kotba minn firxa wiesgħa ta' temi u adattati għal etajiet differenti.
  - Jekk se tipprintjahom bil-kulur, agħmilhom kbar biex jidhru tajjeb.
  - PARIR: Agħżel kotba familjari biex l-istudenti jkunu iktar kunfidenti waqt l-eżerċizzju.
- **Lesti SPAZJU KBIR** (art, tapit jew mejda) għat-tqassim.
- **TABELLI TAT-TQASSIM** (pereżempju):
  - Finzjoni / Informazzjoni
  - Annimali / Spazju / Arti
  - Tad-Daħq / Tal-Biża'
  - Kotba għat-Tfal Żgħar
  - Kotba għat-Tfal Kbar

# BDEJNA!

1

**Introduzzjoni**
*(5-10 minuti)*

a. Uri qoxra ta' ktieb u ħeġġeġ lill-istudenti jipparteċipaw permezz ta' spunti bħal:
   i. X'intom taraw?
   ii. Fuq xiex taħsbu li hu dan il-ktieb?
   iii. Tixtiequ taqrawh dan il-ktieb?

2

**Poġġi l-ewwel ktieb fil-kategorija tiegħu**
*(5 minuti)*

a. Uri t-tabelli tat-tqassim u spjega lit-tfal li se tpoġġi l-qoxra tal-ktieb f'waħda mill-kategoriji.
   i. Il-ktieb dwar l-annimali?
   ii. Taħsbu li hu ktieb għal tfal kbar jew tfal żgħar?
   iii. Nistgħu npoġġu dan il-ktieb f'iktar minn kategorija waħda?
b. Poġġi l-qoxra tal-ktieb f'kategorija.

3

**Tqassim flimkien**
*(15-20 minuta)*

a. Uri qoxra ta' ktieb ieħor u ħalli t-tfal jiddeskrivuha.
b. Iddeċiedi fejn se tqiegħed il-qoxra.
c. Ħalli ftit ħin għal diskussjoni.
d. Poġġi l-ktieb fil-kategorija magħżula.
e. Irrepeti b'kull qoxra ta' ktieb.

4

**Diskussjoni mal-grupp**
*(5 minuti)*

a. Staqsi lit-tfal biex jispjegaw id-deċiżjoni tagħhom fi ftit kliem.
b. Tista' tħeġġiġhom iktar billi tistaqsihom:
   i. Liema grupp fih l-iktar kotba?
   ii. Hemm xi qoxra li ssorprendietkom?
   iii. Liema minn dawn il-kotba tixtiequ taqraw?

## IKTAR IDEAT:

- Ħeġġeġ lit-tfal biex jagħmlu **QOXRA TA' KTIEB** huma u poġġuha f'waħda mill-kategoriji.
- Ilagħbu **AQTA' LIEMA WIEĦED?**: Liema minn dawn se naqra qabel ma norqod?
- Agħmel **ĦAJT TAL-KTIEB** fil-klassi: Esibixxi l-qxur kollha li qassamtu fuq bord bil-kategoriji miktubin.

# Tabelli tat-Tqassim

| | |
|---|---|
| **ANNIMALI**  | **TAD-DAĦQ**  |
| **ARTI**  | **TAL-BIŻA'**  |

## Tabelli tat-Tqassim

| FINZJONI | INFORMAZZJONI |
| --- | --- |
|  |  |
| KOTBA GĦAT-TFAL ŻGĦAR | KOTBA GĦAT-TFAL KBAR |
|  |  |

# Safari tal-Kotba: Avventura waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb!

**Bil-VAWĊER GĦALL-KOTBA f'idejk, mur għal avventura waqt il-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB! Bħal esploraturi f'art selvaġġa, se nfittxu l-iktar kotba eċitanti u kurjużi li nistgħu nsibu!**

## X'se nitgħallmu:

### Din l-attività se tgħinna biex:

- Niżviluppaw **għarfien bikri** tal-kotba u nesploraw tipi differenti ta' kotba.
- Insaħħu **l-kunfidenza u l-interazzjoni** mal-kotba u mal-ispazji tal-qari.
- Nirrinforzaw **l-interazzjoni soċjali,** l-osservazzjoni u l-ħiliet tat-**tħaddim tal-memorja.**

## X'se nagħmlu:

- **NESPLORAW** kemm nifilħu stands tal-kotba waqt il-**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB.**
- Nużaw il-**VAWĊER GĦALL-KOTBA** biex nixtru kotba **INTERESSANTI u DIVERTENTI.**
- Nieħdu **RITRATT FLIMKIEN**, kburin bil-kotba li xtrajna!
- Nużaw iċ-**ĊEKKJATUR TAS-SAFARI TAL-KOTBA** biex naraw kemm tipi differenti ta' kotba għażilna.

## X'għandna bżonn:

- **MOWBAJL** jew **KAMERA**. Dawn iridu jintużaw mill-edukatur/i biex jieħdu r-ritratti. (Żommu f'moħħkom il-protezzjoni tad-data meta tieħdu r-ritratti.)
- Iċ-**ĊEKKJATUR TAS-SAFARI TAL-KOTBA** (provduta)

# BDEJNA!

1. Żur l-istands tal-kotba. Ħeġġeġ lit-tfal biex ikunu galbati u rispettużi meta jmorru fuq l-istands.
2. Għin lit-tfal jagħżlu ktieb li verament jinteressahom. Inkuraġġihom sabiex jiffukaw fuq il-kontenut tal-ktieb u mhux fuq kemm hu kbir jew x'għażlu sħabhom.
3. Ħu ritratt tal-grupp, bit-tfal kburin bil-kotba li xtraw!
4. Uża ċ-**ĊEKKJATUR TAS-SAFARI TAL-KOTBA** biex tidentifika t-tipi u l-ġeneri differenti ta' kotba li għażlu t-tfal.

# Ċekkjatur tas-Safari tal-Kotba

- [ ] Għandu annimal fuq il-qoxra
- [ ] Għandu qoxra safra
- [ ] Dwar prinċep jew prinċipessa
- [ ] Dwar l-ispazju jew il-pjaneti
- [ ] Fih saħħar, saħħara jew kreatura maġika
- [ ] Divertenti jew idaħħqek
- [ ] Huwa komik
- [ ] Dwar in-natura jew l-ambjent
- [ ] Għandu l-ikel fuq il-qoxra
- [ ] Fih dinosawru
- [ ] Għandu tifla bħala karattru prinċipali
- [ ] Għandu tifel bħala karattru prinċipali

# Safari tal-Kotba 2: Naqsmu l-istejjer!

**Issa li morna fuq is-SAFARI TAL-KOTBA waqt il-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB, imissna naqsmu dak li sibna! Kellimna dwar il-kotba tal-ġenn li xtrajt!**

## X'se nitgħallmu:

**Din l-attività se tgħinna biex:**

- Niżviluppaw **għarfien bikri** tal-kotba u nesploraw tipi differenti ta' kotba.
- Nitħarrġu fit-**taħdit u fil-ħiliet tas-smigħ** permezz ta' preżentazzjonijiet sempliċi.
- Insaħħu **l-interazzjoni soċjali,** l-osservazzjoni u l-**ħiliet tat-tħaddim** tal-memorja.

## X'se nagħmlu:

- **NIFTAKRU u NIDDESKRIVU** l-esperjenza tagħna tas-**SAFARI TAL-KOTBA.**
- **NIDENTIFIKAW** kotba li rajna u li għoġbuna.
- **NITKELLMU** mal-klassi dwar ktieb li xtrajna bil-**VAWĊER GĦALL-KOTBA.**

## X'għandna bżonn:

- **Ir-RITRATT TAS-SAFARI TAL-KOTBA** ipprintjat jew ipprojjettat fuq skrin
- **KARTONĊIN**
- Kuluri għat-tpinġija bħal **KREJONS jew MARKERS**
- Il-karta dwar **IT-TIFKIRA TIEGĦI TAS-SAFARI TAL-KOTBA** (provduta)

# BDEJNA!

1. Introduzzjoni / Circle time. (5-10 minuti)
   a. Min ħa gost waqt is-SAFARI TAL-KOTBA?
   b. Min jiftakar ktieb wieħed li ra fil-festival?
   c. Liema kienet l-istand favorita tiegħek? Għalfejn?
2. Lit-tfal urihom ir-ritratt li ħadtu waqt iż-żjara. (20-30 minuta)
   - Kull student (jew grupp studenti) jgħid 1-2 sentenzi dwar il-ktieb li xtraw.
3. Qassam il-karta dwar **IT-TIFKIRA TIEGĦI TAS-SAFARI TAL-KOTBA** (10-15 minuta)
   - It-tfal ipinġu stampa tagħhom infushom bil-ktieb li l-iktar għoġobhom. Jekk trid tista' tistaqsihom ikomplu din is-sentenza qasira: "Dan il-ktieb għoġobni għax..."
4. Għeluq (5 minuti)
   - Ritratt tat-tfal kollha bit-tpinġijiet tagħhom.

# It-Tifkira Tiegħi tas-Safari tal-Kotba



Dan il-ktieb għoġobni għax

______________________________________________

______________________________________________

# Kwiżż dwar il-Personalità tal-Ktieb Tiegħi!

**Ġieli qgħadt taħseb x'tip ta' ktieb INT? Dan il-kwiżż divertenti jgħinek issib il-ktieb perfett għalik u tiskopri stejjer ġodda li jinteressawk.**

## X'se nitgħallmu:

Din l-attività se tgħinna biex:

- Niżviluppaw **għarfien tagħna nfusna** billi nidentifikaw interessi u preferenzi personali.
- Nibnu **fehim ta' ġeneri differenti ta' kotba** u l-karatteristiċi tagħhom.

## IKTAR IDEAT:

- **DEWWAQNI FTIT:** Geżwer il-kotba fil-karti u fuq quddiem ikteb l-ewwel sentenza tal-istorja. Qabbad l-istudenti jagħżlu ktieb ibbażat fuq din is-sentenza biss.
- **BURDATA GĦALL-KOTBA:** L-istudenti jagħmlu collage ta' stampi, kwotazzjonijiet u kuluri bbażati fuq it-tip ta' ktieb jew storja li jogħġbuhom l-iktar.
- **QABBEL IL-KARATTRI TAL-KOTBA:** L-istudenti jqabblu karattri minn kotba ta' ġeneri differenti magħhom infushom – min jixbah l-iktar lil Katniss Everdeen jew lil Percy Jackson?

## X'għandna bżonn:

- Kopji tal-**KWIŻŻ DWAR IL-PERSONALITÀ TAL-KTIEB TIEGĦI** (provduta)
- **PINEN jew LAPSIJIET**
- **WHITEBOARD jew KARTONĊINA** (jekk trid, għar-riżultati tal-grupp jew għal diskussjoni)
- Għażla ta' **KOTBA** minn kull kategorija tal-personalità (jekk trid)

## X'se nagħmlu:

- Kwiżż faċli u divertenti b'mistoqsijiet dwar x'**JOGĦĠOBNA, X'MA JOGĦĠOBNIEX u x'inhuma l-AFFARIJIET FAVORITI TAGĦNA.**
- Insibu l-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB TIEGĦI.**
- **NAQSMU u NQABBLU** r-riżultati tagħna ma' dawk ta' sħabna – jaf issib ukoll it-tewmi tiegħek!

# BDEJNA!

1. Qassam il-kwiżż lil kull student.
2. Agħtihom **10-15**-il minuta biex iwieġbu l-mistoqsijiet.
3. Qabbel it-tweġibiet tagħhom mar-riżultati tal-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB TIEGĦI:**
   a. L-Esploratur/triċi
   b. Il-Ħalliem/a tal-Fantażija
   c. L-Investigatur/triċi
   d. Iċ-Ċajtier/a
   e. L-Avventuruż/a
4. Aqsam ir-riżultat ta' kull student mal-grupp u offri suġġerimenti dwar kotba relatati.
5. Inkoraġġihom sabiex jissuġġerixxu kotba lil xulxin u joħorġu b'iktar rakkomandazzjonijiet!

# Kwiżż dwar il-Personalità tal-Ktieb Tiegħi!

X'tip ta' ktieb inti? Ħażżeż ċirku mat-tweġibiet li l-iktar jolqtuk - imbagħad skopri x'tip ta' ktieb jaqbel mal-personalità tiegħek!

**1. Is-Sibt waranofsinhar. Tippreferi:**

a. Tesplora post sigriet li qatt ma kont fih qabel
b. Tuża l-immaġinazzjoni tiegħek biex toħloq dinjiet maġiċi
c. Tara serje polizjeska jew issolvi xi taħbila
d. Tiltaqa' ma' sħabek u toqgħod iddaħħaqhom
e. Tipprova xi ħaġa li ġġiegħel 'il qalbek tħabbat sitta sitta

**2. Liema annimal tagħżel biex trabbi?**

a. Kelb leali li jiġi miegħek għal mixjiet twal
b. Kokka għarfa jew qattus jitkellem
c. Rakun moħħu jilħaqlu li kapaċi jsib l-indizzji
d. Pappagall żbukkat li jgħid l-affarijiet tad-daħq
e. Pantera sewda misterjuża

**3. Jogħġbuk stejjer li:**

a. Ġraw tabilħaqq jew li huma dwar nies veri
b. Huma mimlijin sħarijiet, avventuri u kreaturi mitoloġiċi
c. Jeħtiġuk issolvi misteru jew tikxef xi sigrieti
d. Jaqsmuk bid-daħq għax fihom mumenti imbarazzanti
e. Jaqtgħulek nifsek, huma tal-biża' jew li jiżvolġu b'mod li ma tistennihx

**4. Il-btala ideali tiegħek hi:**

a. Iżżur mużew famuż jew sit storiku
b. Tmur f'kastell ġo foresta maġika
c. Tesplora belt antika li tkexkxek
d. Ġita m'aħniex bil-karozza ma' sħabek
e. Avventura eċitanti fil-ġungla

**5. Bil-lejl tisma' ħoss stramb ġej minn barra. X'tagħmel?**

a. Issejjaħ adult – is-sigurtà l-ewwel!
b. Timmaġina li hemm xi dragun jew fatatina mexjin inkiss inkiss
c. Taqbad torċ u tmur tinvestiga
d. Is-sitwazzjoni ddawarha f'ċajta
e. Toħroġ bil-mod biex tara x'inhu jiġri

# Kwiżż dwar il-Personalità tal-Ktieb Tiegħi!

X'tip ta' ktieb inti? Ħażżeż ċirku mat-tweġibiet li l-iktar jolqtuk - imbagħad skopri x'tip ta' ktieb jaqbel mal-personalità tiegħek!

**6. Il-proġett tal-iskola ideali għalik huwa:**

a. Intervista lil xi ħadd jew riċerka dwar eroj ta' veru
b. Tikteb storja dwar dinja fantastika
c. Tikkrea logħba tal-misteru bl-indizzji
d. Tagħmel komik jew film qasir tad-daħq
e. Tibni kit ta' sopravivenza

**7. It-tip ta' vidjos jew serje favoriti tiegħek huma:**

a. Dokumentraji dwar avventuri li seħħew fil-verità
b. Stejjer epiċi mimlijin avventuri u draguni
c. Ġrajjiet misterjużi jew dwar ditektivs
d. Episodji qosra tad-daħq
e. Stejjer mimlijin bl-azzjoni u t-twerwir

**8. Kieku kont supereroj, il-poter tiegħek ikun:**

a. Il-memorja straordinarja tiegħek – jeżistu biss il-fatti!
b. Is-sħarijiet jew li tinbidel f'kulma trid int
c. Li ssolvi r-reati permezz tat-taħbil il-moħħ
d. Li ddaħħaq lin-nies minnufih
e. Li tkun veloċi iktar minn leħħa ta' berqa

**9. Il-ħbieb tiegħek jiddeskrivuk bħala:**

a. Intelliġenti u sensittiv/a
b. Kreattiv/a u immaġinattiv/a
c. Moħħok jilħaqlek u attent/a
d. Ċajtier/a u storbjuż/a
e. Kuraġġuż/a u mimli/ja enerġija

**10. Tieħu gost taqra ktieb li:**

a. Jgħallmek xi ħaġa vera u tal-ġenn
b. Jieħdok f'dinja oħra
c. Iżommok taqra sal-aħħar paġna
d. Iġiegħlek tfaqqa' d-daħq
e. Iżommok bi mnieħrek imwaħħal fih bl-eċitament

## Il-Personalità tal-Ktieb Tiegħi!

**L-iktar A: L-Esploratur/ Esploratriċi**

Tħobb stejjer dwar ġrajjiet veri u nies reali. Ipprova kotba tal-informazzjoni, bijografiji jew finzjoni realistika!

**L-iktar B: Il-Ħalliem/a tal-Fantażija**

L-immaġinazzjoni tiegħek hija fantastika! Jogħġbuk stejjer bi sħaħar, vjaġġi perikolużi, annimali jitkellmu u dinjiet ivvintati. Ipprova l-fantażija u l-mitoloġija.

**L-iktar Ċ: L-Investigatur/ Investigatriċi**

Inti ħassieb/a kurjuż/a li jħobbu l-indizzji u t-tensjoni. Ipprova stejjer dwar misteri, ditektivs jew spiji.

**L-iktar D: Iċ-Ċajtier/a**

Tħobb tidħaq u titbellah. Ipprova l-kummiedji, komiks jew kotba b'avventuri strambi u m'aħniex.

**L-iktar E: L-Avventuruż/a**

Jogħġbuk l-azzjoni, l-eċitament u affarijiet li ma tkunx qed tistenniehom! Ipprova stejjer tal-azzjoni, tal-biża' jew distopiċi.

# Olqot il-Likk!

Ħalli l-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB** tiegħek tiggwidak! Uża l-**VAWĊER GĦALL-KOTBA** tal-**Festival Nazzjonali tal-Ktieb** biex tixtri kotba li jgħoddu għalik.

## X'se nitgħallmu:

Din l-attività se tgħinna biex:

- Insaħħu **l-għażla tal-kotba indipendenti** ibbażata fuq gosti personali.
- Inkunu **kunfidenti** meta nżuru wirjiet tal-kotba u nidentifikaw ġeneri differenti.
- Nikkunsidraw **rakkomandazzjonijiet** mingħand sħabna u ninvolvu ruħna **f'diskussjoni riflessiva** dwar l-għażla tal-kotba.

## X'għandna bżonn:

- Il-karta dwar **IL-PERSONALITÀ TAL-KTIEB TIEGĦI** (provduta)
- **PINEN jew LAPSIJIET**
- IL-**VAWĊER GĦALL-KOTBA tal-FESTIVAL** NAZZJONALI TAL-KTIEB

## X'se nagħmlu:

- Insibu l-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB** tagħna.
- Ninqasmu fi gruppi ta' 3-4 u ningħaqdu ma' oħrajn bl-istess **PERSONALITÀ TAL-KTIEB** bħalna. (Jew nitħalltu għal varjetà!)
- Nużaw id-deskrizzjoni tal-personalità tagħna bħala gwida:
  * Infittxu fl-istands tal-festival għal 1-3 kotba li jaqblu mal-personalità tagħna.
  * Niktbu t-titlu u l-awtur ta' kull ktieb.

## BDEJNA!

1. Jekk m'għamiltx il-kwiżż, ħares waħda lejn it-tipi ta' **PERSONALITÀ TAL-KTIEB TIEGĦI** fuq il-karta — liema waħda toqrob l-iktar lejk?
2. Issa għandek il-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB** tiegħek!
3. Ingħaqad ma' tim (tal-istess personalità jew ta' tipi differenti).
4. Esplora l-istands biex issib kotba li jaqblu mal-istil tiegħek tal-qari.
5. Imla t-titli u l-awturi fil-kategorija tal-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB** tiegħek!

**PARIR:** Tista' tuża l-**VAWĊER GĦALL-KOTBA** biex tixtri dawn il-kotba!

# Il-Personalità tal-Ktieb Tiegħi!

**Liema minn dawn taqbel l-iktar miegħek?**



**Il-Ħalliem/a tal-Fantażija**

L-immaġinazzjoni tiegħek hija fantastika! Jogħġbuk stejjer bi sħaħar, vjaġġi perikolużi, annimali jitkellmu u dinjiet ivvintati. Ipprova l-Fantażija u l-mitoloġija.

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |



**L-Investigatur/triċi**

Inti ħassieb/a kurjuż/a li jħobbu l-indizzji u t-tensjoni. Ipprova stejjer dwar misteri, ditektivs jew spiji.

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |



**L-Esploratur/triċi**

Tħobb stejjer dwar ġrajjiet veri u nies reali. Ipprova kotba tal-informazzjoni, bijografiji jew finzjoni realistika!

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |



**Iċ-Ċajtier/a**

Tħobb tidħaq u titbellah. Ipprova l-kummiedji, komiks jew kotba b'avventuri strambi u m'aħniex.

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |



**L-Avventuruż/a**

Jogħġbuk l-azzjoni, l-eċitament u affarijiet li ma tkunx qed tistenniehom! Ipprova stejjer tal-azzjoni, tal-biża' jew distopiċi.

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

# Rakkomandazzjonijiet tal-Kotba!

Sib il-**KTIEB FAVORIT** li jmiss permezz tal-pariri tiegħek u ta' sħabek! Tista' **TIRRIKMANDA L-KOTBA** lill-ħbieb tiegħek u huma lilek!

## X'se nitgħallmu:

Din l-attività se tgħinna biex:

- Nibnu **għarfien** ta' ġeneri u tipi differenti ta' kotba.
- Niżviluppaw il-ħila li nirrikkmandaw kotba billi **nirriflettu dwar il-preferenzi personali** tagħna.
- Immorru **lil hinn miż-żona ta' kumdità tal-qari tagħna.**

## X'għandna bżonn:

- **PINEN jew LAPSIJIET**
- **KARTINI TAL-MINI-RAKKOMANDAZZJONIJIET** (provduta)
- **LISTA TAL-QARI GĦALL-KLASSI** (provduta)
- **KARTONĊINA**

## X'se nagħmlu:

- Nimlew il-**KARTINI TAL-MINI-RAKKOMANDAZZJONIJIET.**
- Inpartu l-kartini ma' sħabna.
- Noħolqu **LISTA TAL-QARI GĦALL-KLASSI** bbażata fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
- **NESIBIXXU il-LISTA TAL-QARI GĦALL-KLASSI jew il-KARTINI TAL-MINI-RAKKOMANDAZZJONIJIET** fuq ħajt jew mejda.

## BDEJNA!

1. Introduzzjoni / Circle time. (5-10 minuti)
   a. Liema hu l-iktar ktieb interessanti li ltqajt miegħu waqt Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb?
   b. Sibt ktieb li jaqbel mal-**PERSONALITÀ TAL-KTIEB** tiegħek?
   c. Ġieli sibt ktieb li għall-ewwel ħsibt li ma kienx jgħodd għalik iżda mbagħad spiċċa biex għoġbok ħafna? Liema kien?
2. Qassam il-**KARTINI TAL-MINI-RAKKOMANDAZZJONIJIET.** Għid lill-istudenti biex jimlewhom. (10 minuti)
3. L-istudenti jpartu l-kartini ma' dawk tal-ħbieb tagħhom u jiddiskutuhom. (10-15-il minuta)
4. L-edukatur jiġbor il-kartini u jislet **LISTA TAL-QARI GĦALL-KLASSI** bbażata fuqhom. Il-kartini u l-lista jistgħu jiġu esebiti fuq **ĦAJT TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET** jew mejda.

## IKTAR IDEAT:

- **AQTA' L-ĠENERU:** Aqra l-ħarsetti tal-kotba (mingħajr ma ssemmi t-titlu!) u ara jekk jaqtgħux il-ġeneru jew il-Personalità tal-Ktieb.
- **PARTAT IL-BOOKMARK:** Ikteb silta favorita minn ktieb fuq bookmark vojt u partatha ma' xi ħadd.

# Kartini Tal-Mini-Rakkomandazzjonijiet



## Mini-Rakkomandazzjoni

Titlu: ____________________

Awtur: ____________________

Nirrikmandah għax

____________________

____________________

____________________



## Mini-Rakkomandazzjoni

Titlu: ____________________

Awtur: ____________________

Nirrikmandah għax

____________________

____________________

____________________



## Mini-Rakkomandazzjoni

Titlu: ____________________

Awtur: ____________________

Nirrikmandah għax

____________________

____________________

____________________



## Mini-Rakkomandazzjoni

Titlu: ____________________

Awtur: ____________________

Nirrikmandah għax

____________________

____________________

____________________

# Lista Tal-Qari Għall-Klassi



**Bijografija**



**Fantażija**



**Tal-Biża'**



**Avventura**



**Annimali**



**Misteru**



**Spazju**



**Storja**

| Titlu | Awtur |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

# Niġġudikaw Ktieb mill-Qoxra Tiegħu

**Din l-attività hija dwar l-ewwel impressjonijiet, l-istinti u l-kurżità. Kapaċi taqta' x'jiġri fl-istorja, il-ġeneru jew it-ton tagħha billi tħares lejn il-qoxra tal-ktieb?**

## X'se nitgħallmu:

**Din l-attività se tgħinna biex:**

- Niżviluppaw **il-litteriżmu viżiv** billi nanalizzaw **id-disinn, it-tipografija u t-tqassim tal-qoxra.**
- Insiru konxji ta' kif is-suq jinfluwenza **l-aspettattivi tal-qarrejja.**
- Nitħarrġu fil-**ħiliet inferenzjali** tagħna billi nużaw spunti viżivi u miktubin.

## X'għandna bżonn:

- **SITT KOPJI STAMPATI** jew **DIĠITALI** ta' qxur ta' kotba mingħajr it-titli
- Verżjoni ta' dawn il-qxur bit-titli u l-ħarsetti
- **PINEN jew LAPSIJIET**
- **Il-KARTA TAL-QOXRA TA' KTIEB** (provduta)

## X'se nagħmlu:

- Inħarsu lejn **GĦAŻLA TA' QXUR TA' KOTBA** mingħajr ma naqraw it-titlu jew il-ħarsetta.
- Niktbu u niddiskutu dwar dak li **NAĦSBU** li hi l-istorja – ġeneru, ton, karattri, eċċ.
- **NIKXFU L-ĦARSETTA JEW IS-SINTEŻI TAL-ISTORJA** u nqabbluha mal-ideat tagħna.
- Nivvutaw għall-qoxra **FAVORITA** tagħna u dik li l-iktar **QARRQET** bina!

## BDEJNA!

1. Uri qoxra ta' ktieb.
2. Ikteb x'taħseb fuq il-KARTA TAL-QOXRA TA' KTIEB. (2 minuti)
   a. X'ġeneru hu?
   b. Min taħsbu li hu l-karattru prinċipali?
   c. Dan il-ktieb għat-tfal jew għall-adulti? Għalfejn?
   d. Għalfejn użaw dawn il-karattri u din it-tipa?
3. Uri t-titlu tal-ktieb u aqra l-ħarsetta.
4. Iddiskuti dak li taħseb ma' ħabib/a jew fi grupp. (5 minuti)
   a. Kemm kont viċin li taqta'?
   b. Il-qoxra qarrqet bik jew attiratek lejha?
5. Issokta bil-bqija tal-qxur.
6. Ivvota għall-qoxra favorita tal-klassi u liema kienet dik li l-iktar qarrqet bl-istudenti.

**PARIR!** Uħud minn dawn il-kotba jaf issibuhom fil-**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB** u tistgħu tużaw il-**VAWĊER GĦALL-KOTBA** biex tixtruhom!

# Karta Tal-Qoxra Ta' Ktieb



# Kieku dan il-Ktieb Kien Tiegħi...

**Ġieli rajt qoxra ta' ktieb li tqanqallek l-immaġinazzjoni bl-ideat biex imbagħad tinduna li l-istorja hija differenti ħafna? F'din l-attività se toħroġ bl-istorja tiegħek billi tħares biss lejn il-qoxra!**

## X'se nitgħallmu:

**Din l-attività se tgħinna biex:**

- Ninterpretaw **l-ispunti viżivi** fil-qxur tal-kotba - ġeneru, udjenza, ton u plot.
- **Naħsbu** bħal kittieb jew illustratur.
- Nibnu fuq **l-ideat tagħna** permezz ta' xbieha.

## X'se nagħmlu:

- Nesploraw stands differenti tal-kotba waqt il-**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB**.
- Nagħżlu qoxra ta' ktieb li tattirana.
- Nistaqsu lilna nfusna:
  a. X'qed jissuġġerixxu l-istampi u l-kuluri?
  b. Għal min naħseb li hu mmirat dan il-ktieb?
  c. X'inhu l-ġeneru tiegħu?

## X'għandna bżonn:

- **PINEN jew LAPSIJIET**
- **KARTA TAT-TĦADDIM** (provduta)

## PARIR!

Tista' tuża l-**VAWĊER GĦALL-KOTBA** biex tixtri dal-ktieb (u oħrajn!).

# BDEJNA!

1. Ħares lejn l-istands tal-kotba u agħżel ktieb li jolqtok.
2. Immaġina dinja wara l-qoxra tal-ktieb. Hemm skola tad-draguni? Forn tal-ħobż imsaħħar? Storja ta' mħabba bejn robots?
3. Aqra l-ħarsetta biex tara l-istorja fuq xiex inhi.
4. Issa ivvinta storja oħra inti bbażata fuq il-qoxra tal-ktieb u l-ħarsetta.
5. Fuq il-karta tat-tħaddim, spiċċa dis-sentenza: "Kieku dan il-ktieb kien tiegħi, kien ikun dwar..."
   a. Ikteb paragrafu qasir bil-verżjoni tiegħek dwar xiex għandu jkun dan il-ktieb.

# Karta Tal-Qoxra Ta' Ktieb

## Kieku dan il-ktieb kien tiegħi, kien ikun dwar...

# Ikteb Ħarsetta!

**Ġieli rajtha dik id-dewqa ċkejkna fuq wara tal-ktieb? Dik hija l-ħarsetta! Agħżel ktieb u ikteb il-ħarsetta inti.**

## X'se nitgħallmu:

**Din l-attività se tgħinna biex:**

- Nagħmlu **sinteżi** ta' storja bi ftit sentenzi li jħallu impatt.
- Nużaw **il-misteru, l-emozzjoni u l-eċitament** biex inħajru 'l-qarrej.
- Niktbu **b'vuċi** li taqbel mal-istil u l-ġeneru tal-ktieb.

## X'se nagħmlu:

- Naħsbu dwar wieħed mill-kotba favoriti tagħna. Jista' jkun wieħed li rajna waqt il-**FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB**, jew li xtrajna bil-**VAWĊER GĦALL-KOTBA.**
- Niktbu ħarsetta ta' bejn 3-5 sentenzi li tmur fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb.
- Naqsmu l-ħarsetta mal-bqija tal-klassi. Se jagħżluh dan il-ktieb jekk jaqraw il-ħarsetta tiegħek?

## X'għandna bżonn:

- **PINEN jew LAPSIJIET**
- Kopja jew xbieha tal-ktieb li se niktbu fuqu.
- **Il-KARTA ĦARSETTA** (provduta)

### IKTAR IDEAT!

**PARTAT IL-ĦARSETTI:** Ikteb ħarsetta taċ-ċajt dwar ktieb magħruf u ara jekk sħabek jaqtgħux il-ktieb.

**TRAILER TA' KTIEB:** Dawwar il-ħarsetta tiegħek fi proposta għal "trejler ta' film" (30 sekonda kollox). Tista' tippreżentaha int jew tirrekordjaha.

## BDEJNA!

1. Ħares bir-reqqa lejn il-qoxra tal-ktieb.
   a. X'jattirak fil-qoxra?
   b. X'tista' tinferixxi dwar l-istorja mit-titlu tal-ktieb?
2. Ikteb ħarsetta ta' bejn 3-5 sentenzi. (5 minuti) Inkludi:
   a. Sens tal-karattru prinċipali u l-isfond tal-istorja.
   b. It-taħbila jew il-misteru mingħajr ma tikxef xejn.
   c. Spunt li jqanqal lil xi ħadd biex jaqra iktar.
3. Aqsam il-ħarsetta tiegħek mal-bqija tal-klassi. (2-3 minuti)

# Karta Tal-Qoxra Ta' Ktieb

